**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija minn Mr Speaker l-Onor Louis Galea f'Seduta numru 205 tal-Erbgħa, 24 ta' Marzu, 2010.**

*Tqegħid ta' Karti minn Ministri waqt il-Ħin tal-Mistoqsijiet – Ordnijiet Permanenti numru 17, 174, 181 sa 183, u 197 – M'hemmx bżonn permess għal tqegħid ta' karti mill-Speaker, Ministru, Kap tal-Oppożizzjoni, u President ta' Kumitat Parlamentari – Tweġiba li "L-informazzjoni ser/qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra" hi ammissibbli meta hi ġustifikata minn natura tal-informazzjoni mitluba.*

Waqt il-Ħin tal-Mistoqsijiet fis-Seduta numru 200, tat-Tlieta, 16 ta' Marzu, 2010, l-Onorevoli Joe Mizzi, Whip tal-Oppożizzjoni, sostna li biex Ministri[1] jpoġġu dokumenti fuq il-Mejda tal-Kamra waqt li jkunu qed iwieġbu Mistoqsija Parlamentari jridu l-ewwel jitolbu l-permess tal-Kamra. Huwa talab li l-punt jiġi konsidrat sew mis-Sedja. Fil-qosor il-każ żvolġa b'dan il-mod:

L-Onor Mizzi poġġa l-Mistoqsija numru 13766 f'isem l-Onor Anthony Agius Decelis lill-Ministru tal-Edukazzjoni, Xogħol u Familja dwar il-lokalità u n-numru ta' tfal ċertifikati morda matul is-sena skolastika 2008/2009 u kemm kien in-numru hekk ċertifikat għal kull jum bejn l-ewwel u l-ħames jum ta' mard. Il-Ministru wieġbet bil-miktub hekk: "L-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra."

Kien hawn li l-Onor Mizzi ġibed l-attenzjoni li kien jeħtieġ il-permess biex id-dokument seta' jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra. Fi skambju ta' kummenti mas-Sedja l-Onor Mizzi irritjena li l-karti jitqegħdu fuq il-Mejda wara l-ħin tal-Mistoqsijiet, jiġifieri, waqt il-ħin allokat għat-Tqegħid ta' Karti, altrimenti jkun meħtieġ il-permess sew għat-tqegħid kif ukoll għall-eżenzjoni mill-qari tad-dokument konċernat. Huwa sostna li l-prassi waħedha ma tagħmilx l-Ordni tal-Kamra, u li t-tweġib ta' Mistoqsijiet bit-tqegħid biss tal-informazzjoni fuq il-Mejda jista' jċaħħad lill-Onorevoli Membri milli jagħmlu mistoqsijiet supplimentari relatati għall-Mistoqsija u t-Tweġiba oriġinali, u b'hekk jiġi leż id-dritt tal-Kamra li tagħmel l-iskrutinju dovut fuq it-tweġibiet u t-tagħrif li jagħti l-Gvern fuq il-politika u l-ħidma tiegħu.

Is-Sedja *seduta stante* ħadet il-pożizzjoni li fil-prattika kostanti ta' snin twal ma jirriżultalhiex li qatt kien hemm xi insistenza jew xi talba għall-permess biex Ministru jqiegħed xi karta, dokument jew informazzjoni fuq il-Mejda waqt li jkun qed iwieġeb fil-Ħin tal-Mistoqsijiet. Meta Membru ried jagħmel mistoqsijiet supplimentari, b'segwitu għal tweġiba li kienet tikkonsisti fi, jew tinkludi, tqegħid tal-informazzjoni fil-forma ta' dokument fuq il-Mejda, is-Sedja dejjem ippermettiet ħin lill-Membru li jagħti daqqa' t'għajn lid-dokument imqiegħed biex il-Membru konċernat ikun jista' jagħmel il-mistoqsija supplimentari li jidhirlu meħtieġa.

L-Onor Mizzi insista li s-Sedja tikkonsidra u tiddeċiedi fuq il-punt li huwa qajjem.

Fil-konsiderazzjoni ta' dan il-punt, is-Sedja bdiet billi qieset id-deċiżjoni tas-Sedja[2], diversament preseduta, li, għab-bażi tal-prassi, sostniet li f'kull stadju ieħor matul is-Seduta, ħlief fl-istadju tat-Tqegħid ta' Karti, kien meħtieġ il-permess, ħlief mill-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni, għat-tqegħid ta' dokumenti fuq il-Mejda tal-Kamra.

Is-Sedja imbagħad qieset dak li jipprovdu l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u ssib li huwa biss l-Ordni Permanenti[3] numru 17 li jalloka ħin speċifiku għal "Preżentar tal-Karti..." u

dan eżatt wara l-"Interpellanzi". Safejn jirriżulta lis-Sedja l-Ordnijiet Permanenti ftit li xejn jittrattaw it-tqegħid ta' Karti fuq il-Mejda tal-Kamra.

L-Ordnijiet Permanenti 174 u 183 jipprovdu għad-dritt tal-Membri li jaqraw u jieħdu jew jingħataw estratti jew kopji ta' karti mqegħda fuq il-Mejda jew ordnati li jiġu stampati mill-Kamra. L-Ordnijiet Permanenti 181 u 182 jipprovdi għad-dritt tal-Kamra li titlob, jew tal-President li jordna, "li jitqegħdu quddiemha kontijiet, reżokontijiet, rapporti u karti, iżda ebda inkartament dipartimentali ta' natura konfidenzjali ma jeħtieġ jitqiegħed quddiem il-Kamra."

F'dawn iċ-ċirkostanzi kollha l-Ordnijiet Permanenti imkien ma jsemmu l-ħtieġa ta' xi permess tal-Kamra biex Ministru iqiegħed dokument jew karta fuq il-Mejda tal-Kamra.

La darba l-Ordnijiet Permanenti ma jgħidu xejn dwar it-tqegħid ta' karti waqt il-Ħin tal-Mistoqsijiet jew waqt xi ħin ieħor tax-xogħol tal-Kamra, kif għandu jiġi regolat it-tqegħid ta' karti f'dawn il-ħinijiet? Hemm jew ma hemmx bżonn permess għat-tqegħid ta' karti f'dawn il-ħinijiet?

Fiċ-ċirkostanzi s-Sedja kellha tikkonsidra r-regoli u l-prattika tal-*House of Commons* kif jitlob l-Ordni Permanenti tagħna numru 197 u qieset ukoll x'jgħid Erskine May[4] fuq is-suġġett. Skond dawn, il-materja ta' tqegħid ta' karti hi regolata hekk:

Ministri m'għandhomx bżonn il-permess tal-Kamra biex iqiegħdu 'karti' fuq il-Mejda. "In practice the responsability for presentation (of 'Command Papers') is that of the Minister in charge of the relevant department. Command Papers are those papers which are considered by the government to be of interest to Parliament the presentation of which is not required by statute..."[5] "A large variety of papers are presented to Parliament pursuant to statutory requirements...the responsibility for presenting 'Act Papers' usually rests upon a Minister..., though certain other members, such as the Speaker, the Chairman (of certain Committees) also present papers. Where such a liability falls upon a person who is not a member of the House of Commons, and where there is no directly relevant Ministerial responsibility, the papers are laid on the Table, by practice, by the Clerk of the House."[6]

Fl-assenza ta' provvedimenti espliċiti li jirregolaw il-materja fl-Ordnijiet Permanenti tagħna, is-Sedja jidhrilha li jekk testrapola l-linji gwida tal-*House of Commons* għas-sitwazzjoni tal-Kamra tad-Deputati tagħna, ikollha raġun tasal għall-konklużjoni li t-tqegħid ta' karti fuq il-Mejda tal-Kamra hu prerogattiva tal-gvern rappreżentat mill-Ministri. Fil-prattika kostanti tagħna l-Speaker, il-Kap tal-Oppożizzjoni u l-Presidenti tal-Kumitati Permanenti u dawk Magħżula għandhom ukoll din il-prerogattiva.

Prerogattiva neċessarjament timplika li min jeżerċitaha m'għandux bżonn il-permess tal-Kamra biex iqiegħed kwalsiasi dokument jew karta fuq il-Mejda li għandu x'jaqsam direttament mal-funzjoni u/jew dikasteru li għalih ikun responsabbli. U dan japplika mhux biss fil-ħin allokat apposta għat-Tqegħid ta' Karti imma fi kwalunkwe ħin ieħor tax-xogħol tal-Kamra. Is-Sedja tikkonkludi wkoll li t-tqegħid ta' karti u informazzjoni mill-persuni kollha imsemmija f'dan il-paragrafu mhix biss hi kwestjoni ta' prerogattiva inerenti fil-funzjoni tagħhom kostituzzjonali u parlamentari, imma hija dmir naxxenti mill-obbligu tagħhom ta' kontabilità u li jżommu l-Kamra informata fuq kull materja li għaliha huma jistgħu jkunu responsabbli. B'implikazzjoni huwa minħabba din l-istess raġuni li imbagħad kull Membru tal-Kamra ieħor jinħtieġ il-permess biex iqiegħed karta jew dokument fuq il-Mejda peress li dawn m'għandhomx l-istess obbligu li jżommu l-Kamra informata.

Is-Sedja tagħmilha ċara li hi għandha d-dritt tirriserva li f'ċirkostanzi partikolari tassigura li ħadd ma jabbuża minn din il-prerogattiva u għandha d-dritt tordna li karta jew dokument ma jitħalliex jitpoġġa fuq il-Mejda jekk dan ikun b'abbuż u mhux fl-interess tal-Kamra li jitqiegħed.

Is-Sedja qieset ukoll il-kwestjoni, relatata mal-punt imqajjem mill-Onor Mizzi, dwar sa fejn Ministru jew Segretarju Parlamentari waqt li jkun qed iwieġeb Mistoqsija Parlamentari jista' jistrieħ fuq dokument li huwa jpoġġi fuq il-Mejda. Jiġifieri, tista' tweġiba tingħata billi l-Ministru, kif hu l-każ fil-Mistoqsija numru 13766 fuq imsemmija, jwieġeb biss "L-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra."?

Is-Sedja tikkonstata li ġeneralment il-Ministri jwieġbu l-Mistoqsijiet Parlamentari a tenur tas-suġġett tal-mistoqsija u ħafna drabi bid-dettall meħtieġ. F'ħafna okkażjonijiet il-Ministri jissuplimentaw it-tweġibiet tagħhom b'informazzjoni dettaljata jew b'dokumenti li huma jqiegħdu fuq il-Mejda jew waqt li jkunu qed iwieġbu verbalment inkella, wara li jiskadi l-Ħin tal-Mistoqsijiet, waqt it-Tqegħid ta' Karti. Ikun hemm okkażjonijiet oħra, mhux daqstant spissi, meta t-tweġiba tkun tikkonsisti biss fis-sentenza "L-informazzjoni mitluba ser titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra." kif hu il-każ tat-twegiba għall-Mistoqsija numru 13766 li tat lok għall-ilment imqanqal mill-Onor Mizzi. L-Onor Mizzi qed jinsisti li tweġiba bħal din tintralċċja fuq id-dritt tal-Membri li b'manjera effettiva jsegwu t-tweġiba b'mistoqsijiet supplimentari rilevanti għall-Mistoqsija oriġinali.

Kif jafu l-Onorevoli Membri l-Ordnijiet Permanenti tagħna filwaqt li jirregolaw f'ċertu dettall l-għemil ta' interpellanzi[7], huma għal kollox siekta dwar it-tweġibiet dovuti. Dan wassal lis-Sedja biex f'kull okkażjoni s'issa tirritjeni li hi m'għandha l-ebda mansjoni fuq it-tweġibiet li jagħtu l-Ministri għall-Mistoqsijiet Parlamentari.

Għaldaqstant, is-Sedja anke hawn kellha tikkonsidra r-regoli u l-prattika tal-*House of Commons* kif jitlob l-Ordni Permanenti tagħna numru 197 u qieset ukoll x'jgħid Erskine May.[8] Skond dawn huwa rari li Ministri jwieġbu oralment Mistoqsijiet Parlamentari b'riferenza biss għal xi dokument partikolari. Għalkemm jekk Ministru jiċċita xi karta f'xi tweġiba jew waqt xi dibattitu ikun mistenni li, salv ċerti kwalifiki ta' kondifenzjalità jew sigurtà, iqiegħed tali karta fuq il-Mejda[9], mhux mistenni li l-Ministru jaqra tali karta/dokument minħabba li dan jista' jieħu wisq ħin mix-xogħol tal-Kamra.[10]

Fil-prattika tal-House of Commons mistoqsijiet għal tweġibiet bil-miktub ġieli jkunu mwieġba billi l-Membru jiġi riferut għal xi dokument pubblikat, sew jekk diġà mqiegħed fuq il-Mejda u sew jekk le. Però huwa rikonoxxut li anke fejn it-tagħrif mitlub huwa aċċessibbli x'imkien ieħor, id-dipartimenti tal-gvern huma mistennija li jgħinu kemm jistgħu biex il-Membri jkollhom tweġibiet għall-mistoqsijiet tagħhom.

Tajjeb wieħed jgħid li r-regoli kurrenti li jirregolaw it-tqegħid ta' Mistoqsijiet fil-House of Commons iħeġġu lill-Membri sabiex ikollhom għarfien tajjeb tas-sorsi alternattivi ta' informazzjoni, speċjalment permezz ta' mezzi elettroniċi, u li jfittxu li jiksbu informazzjoni permezz ta' mistoqsijiet parlamentari kemm il-darba dawn is-sorsi jkunu ġew riċerkati u ma jissodisfawx.[11] Tajjeb pero' wieħed jenfasizza li f'dan il-każ l-appell mhux qed isir biss lill-Membri imma lil "staff" tagħhom ukoll, faċilità li l-ebda Parlamentari Malti għad ma għandu u għaldaqstant filwaqt li l-appell fih innifsu jagħmel sens, id-dipartimenti u aġenziji

tal-Gvern f’pajjiżna għandhom iżommu quddiem għajnejhom li l-Membri tal-Kamra tagħna la għandhom dawn il-faċilitajiet ta’ appoġġ u lanqas huma Membri full-time.

Dwar ir-responsabilità biex jiġi assigurat li l-karti kollha rilevanti jitqegħdu fuq il-Mejda, Erskine May jgħid li “it is the responsibility of the government and not of the Chair to see that documents which may be relevant to debates are laid before the House and are available to Members.”[12] B’danakollu l-Speaker tal-House of Commons jimxi wkoll mal-prattika li l-fatt li dokument ma jkunx għad-dispożizzjoni tal-Kamra m’għandhiex tkun fiha nnifisha raġuni li twaqqaf id-dibattitu milli jsir jew ikompli.

Meta tqis dan kollu s-Sedja tifhem li m’hemm xejn kontra li Ministru jwieġeb biss “L-informazzjoni mitluba ser/qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra” jew inkella li tweġiba tirreferi Membru għal informazzjoni f’dokument pubblikat jew fuq sit elettroniku rilevanti għall-Mistoqsija.

Peró s-Sedja jidhrilha wkoll li Ministru għandu jitlob lid-dipartimenti jew aġenziji li jaqgħu taħtu li jirrikorru għal dawn it-tipi ta’ tweġibiet biss meta jkun ġustifikat, kif kien il-każ tat-tweġiba għall-Mistoqsija 13766 jew meta l-informazzjoni mitluba tkun dettaljata u teknika. Għandu jkun ovvju li informazzjoni għal Mistoqsija li t-twegiba għaliha neċessarjament tikkonsisti f’ħafna numri jew statistika jew listi relattivament twal ta’ ismijiet jew atti pubbliċi ta’ natura teknika għandha tkun informazzjoni li titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra biex b’hekk jiġi evitat li jintuża l-ħin tal-Kamra bil-qari ta’ tali statistika jew listi. Meta mhux hekk ġustifikat Ministru hu mistenni, kif ġeneralment jiġri, li jwieġeb fil-qosor u b’mod sostanttiv għat-tenur tal-Mistoqsija. F’każ li ssir riferenza għal sit elettroniku hu rakkomandabbli li titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra, kopja printjata tad-dokument f’każ li dan ikun raġjonevolment qasir, jew kopja f’format elettroniku, u dana biex il-Kamra jkollha rekord tal-informazzjoni mogħtija kif tkun teżisti f’dak il-mument.

Fid-dawl ta’ dan kollu, salvi u fermi l-kwalifiki magħmula minnha, is-Sedja taqtagħha li Speaker, Ministru, Kap tal-Oppożizzjoni u President ta’ Kumitat Parlamentari m’għandhomx bżonn il-permess tal-Kamra biex iqegħdu karta jew dokument fuq il-Mejda. Dwar it-tweġibiet is-Sedja tiġbed l-attenzjoni tal-Ministri għall-linji gwida li qed tagħti f’din id-deċiżjoni u titlobhom iġibuhom a’ konjizzjoni tad-dipartimenti u aġenziji li jaqgħu fir-responsabbilità tagħhom.

---

[1] Kull fejn f’din id-deċiżjoni tokkorri l-kelma ‘Ministru’ din għandha tinftiehem li tinkludi l-Prim Ministru u Segretarju Parlamentari.

[2] Deċiżjoni tas-Sedja fis-Seduta numru 447 tat-Tlieta, 25 ta’ Lulju, 1995, mogħtija waqt il-Ħin tat-Tqegħid ta’ Karti.
[3] Ordnijiet Permanenti, Kamra tad-Deputati, Stamperija tal-Gvern, 1995.
[4] Erskine May, Parliamentary Practice, Twenty-third Edition, 2004.
[5] Ibid., p 261
[6] Ibid., p 262

[7] Ordnijiet permanenti numi 26 – 32.
[8] Erskine May, Parliamentary Practice, Twenty-third Edition, 2004.
[9] Ibid., pp 441 -2.
[10] Ibid., p 425.
[11] Procedure Committee – Third Report, Written Parliamentary Questions, July2009 - (http://www.publications.parliament. uk/pa/cm200809/cmselect/cmproced/859/85902.htm).

[12] Erskine May, Parliamentary Practice, Twenty-third Edition, 2004, p 443.